# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru, 2020**

**Numru 3**

**Rikors Numru 824/20TA**

**Avv. David Bonello(ID 350886M) għan-nom u in rapprezentanza ta' Joseph Agius numru tal-passaport Awstraljan N6970707, Peter Charles Agius numru tal-passaport Awstraljan N3706197 u Philip Agius numru tal-passaport Awstraljan N2904003**

**vs**

**Raymond Buhagiar (ID 134256M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dr. David Bonello nomine tal-15 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi l-esponenti nomine huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' wieħed u sittin elf sitt mija tnejn u sittin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€61,662.96c) rappreżentanti l-ammont ta' sebgħa u ħamsin elf (€57,000) somma li għaddiet għand il-konvenut waqt li kien qed jidher għall-atturi permezz ta' prokura apposita fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprejta immobbli ergo parti mill-għalqa tas-Sipxjenza sive Ħal Muxi jew ta' Batu u dana kif jirriżulta mill-anness kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar John Debono ta' nhar is-27 ta' Settembru 2016 (Dok. 'DB1'); Illi

l-bilanċ ta' erbgħa t'elef sitt mija u tnejn usittin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€4,662.95) jirrapreżentaw spejjeż legali ta' ditti legali Awstraljana rigwardanti l-każ odjern kif jirrizulta mill-anness dokument (DOK DB2).

2. Illi l-esponenti għall-bosta drabi interpellaw lill-konvenut sabiex jagħti l-ammont dovut lilhom iżda dan baqa' qatt ma ingħata, minkejja li l-konvenut rrikonoxxa għall-bosta drabi li l-flus huma dovuti u jinsabu fil-pussess tiegħu u wara li l-istess konvenut wiegħed bostra drabi li se jagħmel tali ħlas. Illi l-esponenti ma kellhom ebda għażla oħra għajr li jintavolaw dawn il-proċeduri u jagħmlu r-rapporti neċessarji lill-Kummissarji tal-Pulizija.

3. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess attur jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess attur, il-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

4. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat ripetutament sabiex iħallas l-imsemmi ammont huwa baqa' inadempjenti u ma ħallasx.

5. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.

6. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' wieħed u sittin elf sitt mija tnejn u sittin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€61,662.96c) rappreżentanti l-ammont ta' sebgħa u ħamsin elf (€57,000) somma li għaddiet għand il-konvenut waqt li kien qed jidher għall-atturi permezz ta' prokura apposita fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprjeta immobbli ergo parti mill-għalqa tas-Sipxjenza sive ta' Ħal Muxi jew ta' Batu u dan kif jirriżulta mill-anness kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar John Debono ta' nhar is-27 ta' Settembru 2016 (Dok. 'DB 1'); Illi l-bilanċ ta' erbgħa t'elef sitt mija u tnejn u sittin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€4,662.95) jirrapreżentaw spejjez legali ta' ditti legali Awstraljani rigwardanti l-każ odjern kif jirriżulta mill-anness dokument (DOK DB2).

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali mid-data tal-kuntratt ta' bejgħ 27 ta' Settembru 2016 sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni tiegħu."

Rat li din il-Kawża ġiet istitwita abbażi ta' dak li jipprovdu l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta ċioe' bil-proċedura speċjali sommarja u bid-dispensa ta' smiegħ;

Rat id-digriet mogħti seduta stante fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu din il-Qorti caħdet it-talba tal-konvenut billi jkun jista' jikkontesta l-Kawża billi jingħata l-fakulta li jippresenta risposta ġuramentata u dan għar-raġunijiet imsemmija fil-verbal ta' dik is-seduta;

Rat li l-Qorti ma laqgħetx dik it-talba u ordnat li l-Kawża titħalla bil-proċedura speċjali sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-verbal stess magħmul mill-Konvenut fis-seduta fl-24 ta' Novembru 2020, jirriżulta li di fatti dan mhux qiegħed jikkontesta li l-ammont huwa dovut. Qed jikkontesta biss li għandu jitħallas tas-servizzi tiegħu talli aġixxa bħala prokuratur. Dan il-fatt waħdu ma hiex raġuni biżżejjed biex ma jingħadx li l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut kif irid l-artikolu tal-liġi fuq imsemmi aktar u aktar meta dawn huma flejjes miġbura mill-konvenut fl-

interess tal-Atturi li u li sal-lum għadhom ma ġewx imħallsa lilhom minkejja li ilhom fil-pussess mis-27 ta' Settembru 2015 u cioe' ben erbgħa snin.

Irid pero' jingħad li l-obbligazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri hija waħda ta' natura ċivili u mhux kummerċjali. Dan qiegħed jingħad għaliex l-Atturi qed jitolbu li jitħallsu imgħaxijiet mid-data tal-kuntratt ta' bejgħ mis-27 ta' Settembru 2016. Għalkemm fl-affidavit anness mar-rikors ġuramentat jingħad li l-Atturi interpellaw diversi drabi lill-konvenut ma esebew ebda ittra uffiċċjali għaliex f'każ ta' obbligazzjoni ċivili tali imgħax ma jibdiex jiddekkorri ipso iure minn meta kellha tkun imwettqa l-obbligazzjoni iżda meta d-debitur jkun interpellat biex jgħaddi għall-ħlas permezz ta' ittra uffiċjali skont il-liġi (ara artiklu 1141 tal-Kodiċi Ċivili).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel talba;

**Tilqa' it-tieni talba** u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' wieħed u sittin elf sitt mija tnejn u sittin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€61,662.96c) rappreżentanti l-ammont ta' sebgħa u ħamsin elf (€57,000) somma li għaddiet għand il-konvenut waqt li kien qed jidher għall-atturi permezz ta' prokura apposita fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprjeta immobbli

ergo parti mill-għalqa tas-Sipxjenza sive ta' Ħal Muxi jew ta' Batu u l-bilanċ ta' erbgħa t'elef sitt mija u tnejn u sittin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€4,662.95) li jirrappreżentaw spejjez legali ta' ditti legali Awstraljani. Fuq l-ammonti imsemmija jiddekorri imgħax skont il-liġi mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**